# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA SISTU IV**

Francesco della Rovere twieled hdejn Abisola fil-21 ta' Lulju



tas-sena 1414 u miet fl-12 ta' Awissu 1484. Il-ġenituri tiegħu kienu nies fqar u waqt li kien għadu tfal kien ddestinat għal ordni



frangiskana. Huwa studja l-filsofija u t-teologija b'success gewwa l-Universita' ta' Pavia u kien jgħallem gewwa Padova, Bologna, Pavia u Siena u anke Firenzw. Fost id-dixxipli tiegħu kien hemm il-famuz kardinal Bessaion. Wara li mela' l-post ta' prokuratur ta' l-ordni tiegħu gewwa Ruma u Provincjal tal-Ligurja kien mahtur kardinal ta' San Pietru fil-ktajjen minn Pawlu II fis-sena 1467 .

Kull zmien disponibbli kien japplikah fit-teologija u huwa ppublika kitba fuq id-demm prezzjosissimu ta' Gesu' u xoghol fuq l-Immakulata Koncepiment fejn wera' li San Tumas d'Aquino u Scotus ghalkemm uzaw kliem differenti kienu jaqblu ma' xulxin fuq it-taghlim tal-Koncepiment Immakulat ta' Marija Ssma. Wara l-mewt ta' Pawlu II, il-konklavi ghazlu bhala papa u huwa tela fuq t-tron ta' Pietru bl-isem ta' Sistu IV.

L-ewwel hsieb tieghu kien li jkompli l-gwerra kontra t-torok u gew maghzula ambaxxaturi biex imorru Franza, Spanja, il-Germanja, l-Ungerija u l-Polonja bit-tama li jixghelu l-entuzjazmu ghall-krucjata. Il-krucjata ftit kellha rizultat hlief ghal 25 prugunier torok li gew imdawra mat-toroq ta' Ruma. Sixtu IV kompla bil-politika ta' Pawlu II, il-predecessur tieghu, ma' Franza u xela' lil Lwigi XI talli nsista li jkun hemm il-kunsens rjali qabel mal-papa jippublika d-degrieti tieghu fir-renju ta' Franza. Bhal ta' qablu Sistu IV ghamel sforz biex jghaqqad lir-Russja ma' Ruma imma n-negozjati tieghu kienu bla frott. Huwa tefa' ghajnejh issa fuq il-politika taljana u safa' vittma tal-passjonijiet tan-nepotizmu, billi onora u mela' bwiet il-familjari tieghu b'gid u favuri. Fis-sena 1478 sehhet il-famuza kospirazzjoni Pazzi ppjanata minn neputih il-Kardinal Rafel Riario biex jwarrbu lil Medici u jitfghu d-dominanza Riarii go Firenze. Il-papa kien mgharraf b'din il-kospirazzjoni, ghalkemm mhux bil-pjan li joqtlu lil Medici. Il-Papa tefa' lil Firenze taht interdett ghaliex qamet qatta bla

habel kontra l-kospiraturi u l-qattiela ta' Giulano de Medici.

Hawn il-Papa dahal f'sentejn gwerra ma' Firenze u nkoragixxa lil Venezjani jattakkaw lil Ferrara li xtaq jakkwista ghan-neputih Girolamo Riario. Erclo d'Este, attakata minn Venezja sabet hafna allejati mill-Italja kollha, u Ludovico Sforza li fuq il-Papa serrah rasu, ma ghamel xejn. Il-princpijiet allejati sforzaw il-Papa biex jaghmel paci.

Sakemm sehhet ir-riforma, l-interessi sekulari tal-papa kienu ta' importanza kbira. L-attitudni ta' Sistu lejn il-kospirazzjoni ta' Pazzi, il-gwerrer u l-qerq, il-promozzjonijiet ta' nies li ma kienx jixraqilhom f'uficcji gholja fil-knisja huma tbajja fuq il-karriera tieghu. Madankollu hemm punti favorevoli lill-pontifikat tieghu. Huwa ha passi biex jitrazznu l-abbuzi fl-Inkwizizzjoni, oppona b'qawwa kbira lil Valdesi u annula d-degrieti tal-Koncilju ta' Kostanz. Kien patrun ta' l-arti u l-letteratura kif ukoll bena' l-kappella Sistina fil-Vatikan, il-bini tal-pont Sistinu fuq ix-xmara Tiber u li kien it-tieni fundatur tal-librerija Vatikana. Ghamel hiltu kollu biex igib l' quddiem il-kundizzjonijiet sanitarji gewwa Ruma. Gab l-ilma mill-Quirinal ghall-funtana di Trevi u beda' trasformazzjoni tal-belt eterna li l-mewt biss waqqfitu milli jkompli.

Fil-hajja privata tieghu Sistu kien bniedem rett. L-akkuzi migjuba kontrih mill-ghadu tieghu Infessura ma ghandhom ebda bazi; l-aghar vizzju li kellu kien in-nepotizmu. Kien ta' zvantagg ghalih li sab ruhu mexxej tal-knisja kattolika f'dawk

iz-zmienijiet ghaliex l-Italja kienet qed tohrog mill-era tar-repubbliki u princpijiet territorjali fost gwerrer kontra mexxejja despotici.